32005D0834

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Novembru 2005

dwar l-ekwivalenza tal-kontrolli, rigward il-prattika għaż-żamma ta' varjetajiet, imwettqa f'pajjiżi terzi u li temenda d-Deċiżjoni 2003/17/KE

(2005/834/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-ġwież [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ tal-ħxejjex [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 37(1) (b) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra [6], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 97/788/KE [7], il-Kunsill iddetermina li l-kontrolli uffiċjali tal-prattika għaż-żamma ta' varjetajiet li ssir f'pajjiżi terzi kienu jipprovdu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri.

(2) Jidher li dawn il-kontrolli għadhom jipprovdu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri. Dawk il-kontrolli għandhom għalhekk jibqgħu jitqiesu bħala ekwivalenti.

(3) Id-Deċiżjoni 97/788/KE skada fit-30 ta' Ġunju 2005. Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-kummerċ ma' dawn il-pajjiżi terzi, jinħtieġ li din id-Direttiva ssir effettiva mill-1 ta' Lulju 2005.

---

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE.

[2] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE.

[3] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).

[4] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE.

[5] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

[6] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/117/KE.

[7] ĠU L 322, 25.11.1997, p. 39. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/120/KE (ĠU L 36, 7.2.2004, p. 57).

(4) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex timpedixxix ir-revoka tal-konklużjonijiet Komunitarji dwar l-ekwivalenza jew ir-rifjut ta' l-estensjoni tal-perjodu ta' validità tagħhom meta l-kondizzjonijiet li fuqhom ikunu bbażati ma jkunux, jew ma jibqgħux, sodisfatti.

(5) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 199/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri meħtieġa għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [1].

(6) Id-Direttiva 2004/117/KE [2] estendiet l-ambitu tar-reġim Komunitarju ta' l-ekwivalenza taż-żrieragħ għall-kategoriji kollha ta' żrieragħ inkluża ż-żerriegħa ta' ġenerazzjonijiet qabel iż-żerriegħa bażika. Għalhekk, huwa opportun li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2003/17/KE [3], sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet modifikati tad-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontrolli uffiċjali, tal-prattika għaż-żamma tal-varjetajiet, imwettqa fil-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet, elenkati fl-Anness, għall-ispeċi koperti mid-Direttivi msemmija għal kull wieħed minn dawk il-pajjiżi għandhom jipprovdu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri.

Artikolu 2

Għandhom jiġu adottati emendi għall-Anness, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jikkonċernaw l-ewwel kolonna tat-Tabella, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2).

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Foresterija stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 66/399/KEE [4], minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat bħala wieħed ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 4

Fid-Deċiżjoni 2003/17/KE, l-Artikoli 1 u 2 għandhom jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 1*

L-ispezzjonijiet fuq il-post li jirrigwardaw l-uċuh tar-raba li jipproduċu ż-żerriegħa ta' l-ispeċji speċifikati fl-Anness I imwettqa fil-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness għandhom jiġu kunsidrati bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa skond id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE u 2002/57/KE sakemm:

(a) jitwettqu uffiċjalment mill-awtoritajiet elenkati fl-Anness I, jew taħt is-sorveljanza uffiċjali ta' dawk l-awtoritajiet;

(b) jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt A ta' l-Anness II.

Artikolu 2

Iż-żerriegħa ta' l-ispeċji speċifikati fl-Anness I, prodotti fil-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness u ċertifikata uffiċjalment mill-awtoritajiet elenkati f'dak l-Anness għandha tiġi kunsidrata bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa li tikkonforma mad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE u 2002/57/KE, jekk din tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt B ta' l-Anness II."

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2005.

Madankollu, l-Artikolu 4 għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2005.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, tat-8 ta' Novembru 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
G. BROWN

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[2] ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18.
[3] ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) 885/2004 (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1).
[4] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2289/66.

ANNESS

Pajjiż (*)	Awtorità responsabbli ghall-kontrolli	Direttivi
AR	Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentación, Buenos Aires	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
AU	Australian Seeds Authority, Victoria	66/401/KEE 2002/55/KE 2002/57/KE
BG	Ministry of Agriculture and Forestry, Sofia	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/55/KE 2002/57/KE
CA	Canadian Food Inspection Agency, Ottawa	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
CH	Eidgenössische Forschungsanstalt für Agrarökologie und Landbau (FAL) Zürich Station Fédérale de Recherches en Production Végétale de Changins (RAC), Nyon	2002/55/KE
CL	Servicio Agrícola y Ganadero, Santiago	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
CS	National Laboratory for Seed Testing, Novi Sad	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
HR	Ministry for Seed and Seedlings, Osijek	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
IL	Ministry of Agriculture Bet-Dagan	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/55/KE 2002/57/KE
JP	Ministry of Agriculture, Forestry and Fisheries, 1-2-1 Kumigaseki, Chiyodaku, Tokyo	2002/55/KE
KR	Ministry of Agriculture, Forestry and Fisheries, Vegetables Division, Seoul	2002/55/KE
MA	Ministère de l'agriculture et de la mise en valeur agricole, Rabat	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
NZ	Ministry of Agriculture and Fisheries, Wellington	66/401/KEE
RO	Ministry of Agriculture and Food, Bucharest	2002/57/KE
TW	Council of Agriculture, Food and Agriculture Department, Taipei	2002/55/KE
US	United States Department of Agriculture, Beltsville, Maryland	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/55/KE 2002/57/KE

Pajjiż (*)	Awtorità responsabbli ghall-kontrolli	Direttivi
UY	Ministerio de Ganadería, Agricultura y Pesca, Montevideo	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/54/KE 2002/57/KE
ZA	Department of Agriculture, Pretoria	66/401/KEE 66/402/KEE 2002/57/KE

(*) AR — Arġentina, AU — Awstralja, BG — Bulgarija, CS — Serbja u Montenegro, HR — Kroazja, IL — Iżrael, NZ — New Zealand, RO — Rumanija, TW — Tajwan, CA — Kanada, JP — Ġappun, US — Stati Uniti ta' l-Amerika, CH — Svizzera, CL — Ċilì, KR — Repubblika tal-Korea, MA — Marokk, UY — Urugwaj, ZA — Afrika ta' Isfel